MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 81/2002

***Joseph Zahra***

***versus***

***Charles Debono***

Il-Bord,

Ra r-<u>rikors</u>

Illi l-esponent jikri lill-intimat il-garaxx bla numru jismu Maradona Garage, Triq il-Kurunell Mas, Tarxien, verso l-kera ta' mitejn u hamsin lira maltija (Lm250) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem, l-ahhar skadenza thallset fl-4 ta' Settembru, 2000.

Illi l-intimat naqas li jhallas ghall-iskadenzi li ghalqu fil-4 ta' Marzu, 2001, 4 ta' Settemrbu 2001 u 4 ta' Marzu 2002 ghalkemm debitament interpellat.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgboha tawtorizzah tirriprendi l-pussess tal-istess garaxx, b'dan li jiffissa terminu qasir u perentorju lill-intimati sabiex jizgombra u jivvaka mill-istess.

Ra li l-intimat debitament notifikat la qatt deher kif lanqas ressaq risposta.

Ra li r-rikorrent deher fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2004 kif deher f'seduti ohra.

Ra l-art 30 tal-kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond/garage bla numru jismu Maradona Garage, Triq il-Kurunell Ms, Hal Tarxien; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar zmien m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------